MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-17 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 1764/2005

Richard Tabone.

Vs

Mark Laferla.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob li dan it-Tribunal jikkundanna l-konvenut sabiex ihallas id-danni fl-ammont ta’ sitt mitt Lira Maltin (Lm600), li huwa kkawza fil-proprjeta’ tal-attur ‘La Quadra’, Triq San Pawl, Naxxar, b’konsegwenza ta’ xogholijiet li l-konvenut ghamel fil-fond ‘Villa Kristina’, Triq Jules Verne, Naxxar, u dan kif jirrizulta mir-rapport tal-Perit Mannie Galea. Bl-imghax mid-data tal-prezentata tat-talba u spejjes kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa illi:- 1. l-azzjoni tal-attur hija preskritta a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu

16; 2. minghajr pregudizzju ghal dak gja eccepit, il-konvenut ma kkawza ebda danni lill-attur u mhuwiex responsabbli ghad-danni reklamati mill-attur f'din l-azzjoni; 3. illi l-konvenut qabbad kuntratturi u persuni tas-sengha sabiex jahdmu fil-fond tieghu u ma ghandux, skond il-gurisprudenza prevalenti, jirrispondi ghall-ghemilhom hlief limitatament ghal *culpa in eligendo*; 4. illi d-danni reklamati mill-attur huma f'kull kaz ezagerati u ghandhom jigu specifikament likwidati mit-Tribunal; 5. f'kaz illi jirrizulta li l-attur huwa mizzewweg u l-proprjeta' tieghu meritu tal-kawza tappartjeni lill-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti ma martu, l-azzjoni odjerna hija insostenibbli a tenur tal-Artikolu 1322 (2), 1322 (3) (l), 2010 (b) tal-Kap. 16.

Ra l-verbal tas-seduta tas-7 ta' Novembru 2005 fejn il-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni tieghu.

Ra d-Digriet ta' dan it-Tribunal kif diversament presjedut datat 7 ta' Novembru 2005, fejn gie nominat l-AIC Alan Saliba bhala Perit Tekniku sabiex jikkostata jekk hemmx hsarat kif allegat mill-attur, u jekk hemm, sabiex jikkwantifika u jillikwida l-istess danni.

Ra d-Digriet ta' dan it-Tribunal kif diversament presjedut datat 16 ta' Marzu 2006 fejn il-Perit Tekniku gie anki awtorizzat sabiex jisma l-provi.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur.

Ra r-rapport mahluf tal-Perit Tekniku Alan Saliba.

Sema x-xhieda tal-Perit Tekniku Alan Saliba prodott mill-partijiet sabiex jixhed in eskussjoni.

Sema t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra d-dokumenti kollha li gew pprezentati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi peress li din il-kawza tittratta mertu purament tekniku, kien gustament inhatar bhala espert tekniku l-Perit Alan Saliba, sabiex jisma l-provi kollha u sabiex jirrelata dwar it-talba attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Illi l-Perit Saliba hejja r-rapport tieghu wara li sema l-provi kollha prodotti u anki wara li ghamel access fuq il-post in kwistjoni u anki ghamel il-kostatazzjonijiet kollha mehtiega.

Illi l-istess Perit Tekniku kkonkluda li l-konvenut huwa responsabbli biss ghal nofs il-hsarat irriskontrati fil-proprjeta' tal-attur u dana minhabba l-iskavar maghmul mill-konvenut mal-hajt divizorju. Huwa kkonkluda li l-attur ghandu jibqa responsabbli ghal qbija tan-nofs tad-danni minhabba nuqqas fil-waterproofing tal-pool deck tieghu.

Meta gie biex jillikwida d-danni sofferti mill-attur, il-perit tekniku kkonkluda hekk kif gej:-

‘Dwar il-likwidazzjoni tad-danni l-esponenti jikkonsidra t-talba tal-attur fl-ammont ta’ elf, tlett mija u sebgha u disghin ewro u tnejn u sittin centezmi (€1,397.62 ekwivalenti ghal Lm600 kif mitluba fl-Avviz) ghat-tbattil tal-pool u l-bir, tnehhija tal-panelling tal-wine cellar, tikhil fuq il-hajt intern tal-wine cellar, grouting tal-pool kollha u temporary repairs fil-hitan ta’ barra, bhala ragjonevoli. Ghalhekk billi l-konvenut huwa responsabbli, minn lat tekniku, ghal nofs il-hsarat, jirrizulta li l-attur sofra danni fl-ammont ta’ sitt mija u tmienja u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81 ekwivalenti ghal Lm300, u cioe nofs dak mitlub mill-attur fl-Avviz) kawza ta’ xogholijiet esegwiti mill-konvenut.’

Illi dan it-Tribunal jidhirlu li f’materja partikolari bhal din m’ghandux imur kontra l-konkluzzjonijiet tal-istess perit, u lanqas m’ghandu jiddisturba l-konkluzzjonijiet tal-istess perit sakemm ma hemmx xi raguni valida sabiex jaghmel hekk. Illi huwa fatt ben risaput li f’materja teknika, fejn

tkun inhasset il-htiega li jitqabbad espert tekniku, l-Qorti m'ghandhiex twarrab ir-rapport tal-istess espert ghal xejn b'xejn.  Illi la ngabet raguni valida ghalfejn ghandu jsir hekk u lanqas ma ntalbet il-hattra ta' periti addizzjonali mill-partijiet, u ghalhekk ir-rapport tal-espert tekniku huwa effettivament dak finali.

Illi ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li l-konkluzzjoni tal-perit tekniku ghandha tigi akkolta fl-intier taghha minn dan it-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jilqa t-talba attrici limitatament billi jikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta' sitt mija, tmienja u disghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81 ).  Fic-cirkostanzi l-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------